# Knisja ċkejkna

Knisja qadima, mwarrba qalb il-ħdura
ta' firxa raba' wiesa', kull fl-għaxija
iżżurek l-aħħar għanja tal-għasfura,
u tolqtok tax-xemx fietla l-aħħar dija.

Imma (ikolli ngħid) f'qalbek mostura
għandek ġrajjiet ta' rebħ. Għalkemm minsija
mill-ġens tal-lum, 'ma ħsiebek jarġa' lura
lejn dawk il-jiem, meta l-ulied maltija,

dirgħajhom imlibbsin l-egħruq tas-saħħa,
taw demmhom, dak id-demm li ġieb ir-rebħa,
u ssieltu w tqabdu sħiħ, minn Alla mnebbħa.

Għidli, ja Knisja ċkejkna, għadek tismagħha,
ma' għjieb in-nhar, ma' nżul ix-xemx sabiħa,
tiġri, bħal ragħda, l-għajta tar-rebbieħa ?

ĠUŻÈ CHETCUTI